# MARL

# MALTA

## Fuljett maħruġ mill-MARL

## Għad-Dilettanti tar-Radju

## Maltin u Għawdxin

### Numru 60

### Marzu 2011




**Fiċ-Ċentru mhux permess tipjip**

## Mill-Editur

Ħbieb,
Nilqagħkom għal ħarġa oħra ta’ dan il-fuljett ta’ Marzu 2011 li hija is-60 ħarġa ta’ din is-sensiela.

Il-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-**MARL** saret il-Ħadd, 27 ta’ Frar fejn saret l-elezzjoni tal-Kumitat il-ġdid. Il-Kumitat il-ġdid huwa magħmul minn **9Ħ1M Dominic**, **9Ħ1AV Lawrence**, **9Ħ1AT George**, **9Ħ1ES Fotunato**, **9Ħ1JT Paul**, **9Ħ1PI Ivan**, **9Ħ1TM Mario**, **9Ħ1SF Steve**, **9Ħ1ZZ Robin**. **9Ħ1PS Arthur** u **9Ħ1XE Edwin** ġabu voti indaqs u għalhekk huma dawk li ġabu l-aktar voti minn fost dawk li ma telgħux.

Waqt li nroddu ħajr lil dawk il-membri li ma telgħux, nawguraw lill-membri l-ġodda u lill-Kumitat kollu li jkomplu jaħdmu għall-ġid tal-**MARL** u tad-dilettanti tar-radju Maltin u Għawdxin.

Minħabba li hemm numru ta’ emendi proposti għall-istatut sejra ssir Laqgħa Ġenerali Straordinarju nhar il-Ħadd 20 ta’ Marzu fl-10.00 ta’ filgħodu fiċ-Ċentru tal-**MARL**.

Infakkarkom ukoll li l-**MARL** se tieħu sehem fil-Wirja tar-Rebbiegħa li se ssir ġewwa l-Ġonna ta’ Sant’Anton nhar **is-Sibt u l-Ħadd, 14 - 15 ta’ Mejju, 2011**.

Għandkom ukoll aktar informazzjoni dwar il-frekwenza tal-**500 kĦz** li l-pajjiżi li qed jagħtu allokazzjoni fuqha lid-dilettanti tar-radju tagħhom qiegħed dejjem jiżdied u nittamaw li anki aħna ningħataw allokazzjoni fuq din il-frekwenza anki temporanjament u mhux bilfors b’mod ġenerali imma li min ikun interessat ikun jista’ japplika għaliha.

Għal dawk li jħobbu jaħdmu minn **50 MĦz** ‘il fuq u anki fuq l-**10 GĦz** għandkom informazzjoni dwar dxpedizzjoni li sejra ssir minn Kreta dan ix-xahar, oħra minn **Timor Leste**, oħra mill-**Gżejjer Andaman** li jinsabu lejn l-**Indja** u fil-fatt huma territorju Indjan, kif ukoll dxpedizzjoni oħra li se ssir minn **Kiribati** li huma numru ta’ gżejjer imxerrdin fl-**Oċean Paċifiku**. Nawgura suċċess għal dawk kollha li jippruvaw jikkomunikaw magħhom.

Informazzjoni oħra li inthom issibu f’din il-ħarġa hija dwar satellita li kellha tiġi mitfuha fl-ispazja mill-Istazzjon Spazjali Internazzjonali li se tintefa aktar tard minħabba xogħol ieħor, kif ukoll ftit indirizzi ta’ l-internet li huma interessanti speċjalment fejn wieħed isib numru ta’ apparat li jista’ jagħmel huwa nnifsu.

Bħal dejjem, nittama li l-informazzjoni fil-fuljett issibuha siewja għalikom u jekk ikollkom xi artiklu jekk jogħġobkom ħalluh fil-kaxxa tal-**QSL** tiegħi jew tistgħu tibgħatuha fuq l’e-mail tiegħi **9h1av at searchmalta dot com**.

**Lawrence**
**9Ħ1AV/9Ħ9MĦR/9Ħ79AV**

## Il-Kumitat il-Ġdid

Il-membri tal-Kumitat il-ġdid tal-**MARL** għas-sentejn li ġejjin huma dawn li ġejjin:

| | | |
|---|---|---|
| **President** | **9Ħ1ES** | **Fortunato** |
| **Viċi President** | **9Ħ1M** | **Dominic** |
| **Segretarju** | **9Ħ1PI** | **Ivan** |
| **Viċi Segretarju** | **9Ħ1AV** | **Lawrence** |
| **Teżorier** | **9Ħ1JT** | **Paul** |
| **Viċi Teżorier** | **9Ħ1TM** | **Mario** |
| **Manager taċ-Ċentru** | **9Ħ1SF** | **Steve** |
| **Manager QSL** | **9Ħ1ZZ** | **Robin** |
| **Membru** | **9Ħ1AT** | **George** |

## Laqgħa Ġenerali Straordinarja

Nhar il-Ħadd 20 ta' Marzu sejra ssir Laqgħa Ġenerali Straordinarja minħabba li hemm proposti ta' emendi għall-Istatut.

Din il-laqgħa se tinżamm fiċ-**Ċentru tal-MARL** ġewwa **Ħ'Attard** ml-10.00 ta' filgħodu 'l quddiem b'din l-Aġenda. Jekk ma jkunx hemm quorum il-laqgħa tibda fl-10.15 bil-membri preżenti.

1. Qari u diskussjoni tal-minuti
2. Qari, diskussjoni ta' l-emendi għall-Istatut.
3. Emendi għall-Istatut
4. Affarijiet oħra

**Lawrence**
**9Ħ1AV/9Ħ9MĦR/9Ħ79AV**

## Wirja tar-Rebbiegħa

Infakkar lill-membri tal-**MARL** li bħas-snin li għaddew il-**MARL** se tieħu sehem fil-**Wirja tar-Rebbiegħa** li sejra ssir fil-**Ġonna ta' Sant'Anton** nhar **is-Sibt u l-Ħadd 14 - 15 ta' Mejju, 2011.**

Kull min irid jieħu sehem għandu jinforma lis-Segretarju kemm jista' jkun malajr u jgħidlu jekk jistax jgħin, meta u fi x'ħin jkun jista' jmur ħalli jkun s-Segretarju jkun jista' jikkordina l-ħidma kollha.

Din hija opportunità biex wieħed jieħu sehem ħalli nkomplu nuru d-delizzju tagħna lill-pubbliku kif ukoll biex mal-familja jkun jista' jara u jgawdi l-wirja li dejjem kienet tajba u sabiha u fl-istess ħin ikun jista' jgawdi wkoll id-delizzju tiegħu.

**Lawrence**
**9Ħ1AV/9Ħ9MĦR/9Ħ79AV**

## Ritratti tal-Laqgħa Ġenerali Annwali

Dawn huma xi ritratti tal-Laqgħa Ġenerali Annwali li nżammet nhar il-Ħadd 27 ta' Frar 2011 fiċ-Ċentru tal-**MARL** ġewwa **Ħ'Attard**. Wieħed mir-ritratti juri lil **9Ħ5IT Maurizio** li ingħata Transriċevitur **VĦF** bħala l-aħjar student



**9Ħ1PI Ivan** **9Ħ1E Joe** **9Ħ1JT Paul**



**Membri waqt il-Laqgħa Ġenerali Annwali 27.02.2011**



**Membri waqt il-Laqgħa Ġenerali Annwali 27.02.2011**



**Membri waqt il-Laqgħa Ġenerali Annwali 27.02.2011**



**9Ħ1E Joe 9Ħ1FG Tony 9Ħ1JT Paul**



**9Ħ5IT Maurizio Banavage qiegħed jingħata l-VĦF minn 9Ħ1AQ Karmenu Fenech**

# 500 kĦz

Illum se nagħtikom ftit iktar informazzjoni dwar din il-frekwenza.

Jidher li hemm aktar appoġġ biex is-servizz tad-dilettanti tar-radju jingħata allokazzjoni mill-Konferenza Dinjija tar-Radjukomunikazzjoni. Waqt laqgħa preparatorja għall-Konferenza li saret bejn l-14 u l-25 ta' Frar ġewwa Ginevra l-Isvizzera, sar abbozz ta' 9 paġni ta' analiżi dwar kwistjonijiet tekniċi u regolatorji dwar l-Aġenda WRC 12 punt 1:23.

Dan huwa dwar il-possibilità ta' allokazzjoni sekondarja lis-servizz tad-dilettanti tar-radju ta' **15-il kĦz** xi mkien bejn **415 kĦz – 526.5 kĦz** li għandha tiġi eżaminata u maqtuha mill-Konferenza Dinjija  li sejra ssir bejn it-23 ta' Jannar u s-17 ta' Frar 2012 ġewwa Ġinevra, l-Isvizzera. Hemm tliet possibilitajiet.

Waħda hija li ma jkunx hemm allokazzjoni, li nittamaw li ma jkunx il-każ.

Hemm possibilità oħra msejħa Metodu A, u din hija li jkun hemm allokazzjoni ta' **15-il kĦz** bejn **472 kĦz sa 487 kĦz**. Dik imsejħa Metodu B hija allokazzjonijiet bejn **461 kĦz – 469 kĦz u 471 kĦz – 478 kĦz**.

Metodu ieħor li kien ġie żviluppat waqt laqgħat aktar qabel mill-Grupp ta' Ħidma 5A tas-Settur tar-Radjukomunikazzjoni tal-**ITU** kienet allokazzjoni bejn **493 kĦz – 510 kĦz**, imma dan ġie skartat minħabba li qed tiġi żviluppata sistema diġitali fuq **500 kĦz** u għalhekk mhuwiex possibbli li jingħataw frekwenzi fuq din il-firxa ta' frekwenzi.

Il-grupp ta' dilettanti tar-radju immexxija mill-**IARU** b'għajnuna minn amministrazzjonijiet ħbieb waslu għal dan il-punt kif jingħad hawn fuq dwar Metodu A u B.

Tajjeb li tkunu tafu li **David Sumner, K1ZZ** radd il-ħajr lil **Ken Pulfer, VE3PU** li flimkien mal-grupp tal-**IARU** ħadem għall-aħħar tliet snin ma David ikkordina l-isforzi tal-**IARU** ma' l-Amministrazzjoni Kanadiża biex ġab il-qbil tagħha.

**Brennan Price, N4QX** li huwa l-uffiċjal tat-teknoloġija ta' l-**ARRL** attenda wkoll bħala membru tad-delegazzjoni Amerikana għall-Konferenza Preparatorja.

L-Amerika qiegħda taqbel mal-proposta msejħa **Metodu B**. Din il-proposta hemm biżżejjed Amministrazzjonijiet Amerikani warajha li saret poposta Inter-Amerikana tal-Inter-American Telecommunication Commission (**CITEL**)
**http://portal.oas.org/Topic/CITEL/tabid/378/Default.aspx?language=en-US**

Min-naħa l-oħra, dak imsejjah **Metodu A** għandu warajh numru ta' Amministrazzjonijiet mill-Ewropa, Afrika, Asja u Oċeana. Aħna nittamaw li jiftehmu fuq xi waħda minn dawn il-proposti ħalli anki aħna jkollna wkoll asllokazzjoni fuq dawn il-frekwenzi.

La qegħdin fuq din il-frekwenza, għedtilkom kemm-il darba li hemm numru ta' riċevituri fuq l-internet minn pajjiżi oħra li inthom tistgħu tissemmgħu fuqhom u anki tajtkom il-ħoloq tal-internet għalihom barra li tissemmgħu mid-dar.

**Frank**, **9Ħ1BM** li kien jaħdem bħala uffiċjal tar-radju irnexxilu jisma anki stazzjonijiet tad-dilettanti tar-radju fuq din il-frekwenza. Huwa irnexxilu jisma lil **OK1EMW** fuq **505 kĦz** fil-21 u l-24 ta' Frar bejn l-**0440 - 0540** ħin ta' Malta.

Imbagħad, fis-26 ta' Frar huwa irnexxilu jisma lil **OK0EMW** ir-Repubblika Ċeka fuq **505.6 kĦz** li kien qiegħed jibgħat sinjali twal u warajhom "**OK0EMW JN77KS**". Illum kien aktar qawwi mill-aħħar darba għaliex l-aħħar darba kien **S1** u llum kien **S3**. Il-ħin kien bejn **0310 – 0335** ħin ta' Malta.

Kif taraw barra minn kuntatti minn postijiet barra, hemm possibilita' li nkunu nistgħu naħdmu fuq din il-frekwenza jekk aħna ningħataw allokazzjoni. Nassigurakom li l-Kumitat ta' qabel ħadem u l-Kumitat li hemm illum se jkompli jaħdem u jagħmel ħiltu kollha biex ningħataw permess anki temporanju ħalli min ikun irid jaħdem japplika għal permess speċjali.

Nittamaw li l-awtoritajiet Maltin ma jibqgħux lura milli jagħtuna allokazzjoni anki temporanja anki qabel ikun hemm allokazzjoni uffiċjali ħalli anki aħna nkunu nistgħu nesperimentaw bħal ma qegħdin jagħmlu dilettanti tar-radju ta' pajjiżi oħra.

**Lawrence**
**9Ħ1AV/9Ħ9MĦR/9Ħ79AV**

## <u>Satellita Ġdida</u>

Is-satellita **ARISSSat-1** ġiet imqabbda ma' l-antenna ta' barra ta' l-Istazzjon Spazjali Internazzjonali fil-11 ta' Frar u saru trasmissjonijiet minnha fuq **145.950 MĦz FM**. Numru ta' dilettanti tar-radju semuha, fosthom **Roland, PY4ZBZ**, minn Sete Lagoas, Brasil, li wkoll irrekordjaha.

Wieħed jista' jniżżel u jisma dan is-sinjal tagħha minn din il-ħolqa
**http://www.qsl.net/py4zbz/satelite/ARISSAT1PY4ZBZ1.wav**

Għalkemm din is-satellita kellha tiġi mixħuta fl-ispazju nhar l-Erbgħa 16 ta' Frar, inqalgħu diffikultajiet minħabba tibdil fl-iskeda tax-xogħol li riedu jagħmlu l-astronawti u issa huwa ppjanat li din tiġi mixħuta fl-ispazju waqt mixja spazjali li hija ippjanata għal-Lulju li ġej.

**Lawrence**
**9Ħ1AV/9Ħ9MĦR/9Ħ79AV**

## <u>Spedizzjonijiet DX</u>

### <u>Kreta</u>

Sejra ssir spedizzjoni **DX** fuq il-**VĦF** minn dilettanti tar-radju Grieki dan is-sajf minn **Kreta** li għandhom ippjanat li jaħdmu fuq il-frekwenzi minn **50 MĦz - 1296 MĦz** kif ukoll fuq **10.368 MĦz.**

Huma jridu jaħdmu waqt il-kompetizzjoni **VĦF** tal-**IARU** bejn **id-29 ta' Ġunju u l-5 ta' Lulju 2011** kif ukoll jagħmlu provi estensivi fuq il-frekwenza tal-**10 GĦz**. Dawn id-dilettanti tar-radju huma **SV1BJY Yannis, SV8GKE Michalis, u SV2HWR Pantelis,** li se jaħdmu minn fuq muntanja fi Kreta u se jużaw in-nominattiv **SV9VĦF**.

Huma se jużaw **SSB u ĊW** esklussivament fuq **50 MĦz, 70 MĦz, 144 MĦz, 432 MĦz, 1296 MĦz u 10,368GĦz.**

Huma għandhom ukoll paġna ta' l-internet fejn wieħed jista' jsib aktar informazzjoni li hija
**http://2mdes.blogspot.com/p/sy9vhf.html**

Radd il-ħajr lil **Joe**, **9Ħ1VW** għal din l-informazzjoni.

## Timor-Leste

Sejra ssir spedizzjoni **DX** oħra minn **VK8NSB, VK8FNCY, 9M6DXX, 9M6XRO u MW0JRX** li se jkunu qegħdin jaħdmu minn Timor-Leste fit-Timor tal-Lvant bejn is-16 u s-26 ta' Settembru. Huma se jkunu fuq il-**Gżira Atauro, OC-232**, 30 kilometru fit-Tramuntana tal-kapitali Dili. Huma se jaħdmu fil-qrib ma' l-awtorità tal-liċenzji ta' Timor-Leste u n-nominattiv ta' l-ispedizzjoni jitħabbar dalwaqt.

Huma se jkollhom tliet stazzjonijiet ta' 100 Watt. Antenni jkunu l-aktar vertikali ta' kwart ta' mewġa u dipoli vertikali, kollha jkunu ftit metri 'l bogħod mill-oċean. Għall-160 metru se jkollhom L maqluba.

Huma se jaħdmu fuq il-frekwenzi kollha mill-**160 sa' l-10 metri** u se jużaw **ĊW, SSB u RTTY**. Il-Gżira Atauro ġiet magħżula minħabba li hija post kwiet, 'il bogħod ħafna minn għejjun ta' storbju elettriku ta' Dili. Il-post ħdejn xatt il-baħar se jħallihom jagħmlu l-antenni vertikali eżatt ħdejn l-oċean, li jipprovdi gwadan akbar fuq angoli baxxi.

Barra minn hekk, il-gżira tgħodd bħala **OC-232** u hija parti rari ħafna tal-grupp **IOTA** billi hija kkonfermata biss minn 18% ta' dawk attivi li jieħdu sehem fil-**IOTA**.

## Gżejjer Andaman

Dxpedizzjoni oħra se ssir bejn il-15 u l-31 ta' Marzu fuq il-Gżejjer Andaman bin-nominattiv **VU4PB**. Huma se jkunu jaħdmu minn Port Blair u se jkun hemm 4 stazzjonijiet. L-operaturi, l-apparat u l-frekwenzi li se jużaw jinsabu hawn taħt.

| Nominattiv | ĊW | SSB | DIGI |
|---|---|---|---|
| VU2ABS | Iva | | Iva |
| VU2CDP | Iva | | |
| VU2DH | | Iva | |
| VU2GGM | | Iva | |
| VU2GMN | | Iva | Iva |
| VU2LU | | Iva | |
| VU2MTT | Iva | | Iva |
| VU2NXM | Iva | Iva | |
| VU2PAI | Iva | Iva | Iva |
| VU2PTT | Iva | Iva | Iva |
| VU2RCR | | Iva | |
| VU2RCT | | Iva | |
| VU2SJD | | Iva | Iva |
| VU2SMN | | Iva | |
| VU2VKU | | Iva | Iva |
| VU3DMP | | Iva | Iva |
| VU2RDQ | | Iva | Iva |

| Frek | ĊW | RTTY | SSB |
|---|---|---|---|
| 160 | 1.824 | - | 1.845 |
| 80 | 3.524 | 3.584 | 3.695 |
| 40 | 7.024 | 7.044 | 7.095 |
| 30 | 10.104 | 10.144 | - |
| 20 | 14.024 | 14.084 | 14.195 |
| 17 | 18.074 | 18.104 | 18.145 |
| 15 | 21.024 | 21.084 | 21.295 |
| 12 | 24.894 | 24.914 | 24.945 |
| 10 | 28.024 | 28.084 | 28.495 |

### Apparat

- Elecraft K3
- Two Kenwood TS-2000
- ICOM 756 Pro II
- ICOM 756 Pro III
- Yaesu FT 847
- Kenwood TS-950

**Antenni**

- Żewġ Spider Beams (20-17-15-12-10m)
- SteppIR Yagi 2-elementi (20-6m)
- SteppIR Yagi 3-elementi (40-6m)
- SteppIR IR kbir vertikali (40-10m)
- Wire u antenni vertikali għall-frekwenzi baxxi (160-80-40-30m)
- 18m arbli Spider għall-antenni tal-frekwenzi baxxi (160-80m)
- Force12 C3S Yagi (20-10m)

**Amplifikaturi**

- Yaesu Quadra VL1000
- Kenwood TL-922
- Yaesu FL2100
- TenTec Hercules II
- Ameritron ALS-500
- Ameriton AL-811H

**Digitali**

- MicroHam MicroKeyer II
- RigExpert Standard
- Signalink USB

**Kiribati**

Dxpedizzjoni oħra se ssir minn **Kiribati** mis-**17 sat-28 ta' April**. Se jkun hemm 6 stazzjonijiet li se jaħdmu fuq **SSB, ĊW u RTTY** fuq il-frekwenzi minn **160 – 6 Metri**. Id-dilettanti tar-radju f'din id-dxpedizzjoni huma minn 5 pajjiżi u huma:

**W2IJ - Jay Kobelin, N7CQQ - John Kennon, EA1IR - Carlos Garcia, K6ZH - Jim Price, N1EMC - Dave Franco, N6HC - Arnold (Arnie) Shatz, N7CW - Bud Semon, N9NS - Michael C. Goode, UA4HOX - Romanov Aleksey, UX2HO - Paul Budanov, W6KK - Charlie Spetnagel, W9IXX - Phil Florig, YT1AD - Hrane Milosevic**

**Il-frekwenzi se jkunu dawn:**

| | Dxpedizzjoni | | | | Frekwenzi IOTA | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Metri** | **ĊW** | **SSB** | **RTTY** | **Metri** | **ĊW** | **SSB** |
| **160** | **1826** | **1843** | **–** | **160** | **-** | **-** |
| **80** | **3504** | **3798** | **3582** | **80** | **3530** | **3765** |
| **40** | **7004** | **7084** | **7043** | **40** | **7030** | **7055** |
| **30** | **10104** | **-** | **10140** | **30** | **10113** | **-** |
| **20** | **14024** | **14195** | **14080** | **20** | **14040** | **14260** |
| **17** | **18074** | **18145** | **18100** | **17** | **18098** | **18128** |
| **15** | **21024** | **21295** | **21080** | **15** | **21040** | **21260** |
| **12** | **24894** | **24945** | **24920** | **12** | **24920** | **24950** |
| **10** | **28024** | **28495** | **28080** | **10** | **28040** | **28460** |
| **6** | **50099** | **50120** | **-** | **6** | **-** | **-** |

Kartolini QSL: Envelop indirizzat lilkom infuskom u $2 jew kupuni tal-posta mhux skaduti jew bil-buro. Kupuni tal-posta ittimbrati qabel il-31 ta' Diċembru 2009 huma skaduti. Għall-aħħar informazzjoni morru fuq **http://www.t31a.com/** Dettalji ta' Kiribati: **Kontinent: OĊ, ITU: 62, CQ: 31.**

**Lawrence**
**9H1AV/9H9MHR/9H79AV**

## Paġni ta' l-internet

**http://dx.qsl.net/propagation/**
Paġna interessanti dwar il-propagazzjoni

**http://cappels.org/dproj/Home.htm**
Projetti biex tagħmluhom inthom

**http://www.qrp.pops.net/**
Ħafna proġetti li tistgħu tibnu

**http://www.electronics-radio.com/**
Lezzjonijiet Electtroniċi

**Lawrence**
**9H1AV/9H9MHR/9H79AV**

## Frekwenzi ISM

X'inhuma l-frekwenzi ISM? Il-frekwenzi ISM huma frekwenzi riservati apposta mill-ITU biex jintużaw mill-oqsma ta' l-Industrija, Xjenza u Mediċini minn kulħadd mingħajr il-ħtieġa ta' liċenzja. Bħala eżempji, welders bil-frekwenzi radju, saħħana industrijali, from tal-mewġ mikro, u użu ieħor fil-mediċina.

Il-frekwenzi riservati għal dawn l-affarijiet mill-ITU huma dawn.

| Firxa ta' frekwenzi [Hz] | Frequency Ċentrali[Hz] | Disponibbli |
|---|---|---|
| 6.765–6.795 MHz | 6.780 MHz | Suġġetta għall-aċċettazzjoni lokali |
| 13.553–13.567 MHz | 13.560 MHz | |
| 26.957–27.283 MHz | 27.120 MHz | |
| 40.66–40.70 MHz | 40.68 MHz | |
| 433.05–434.79 MHz | 433.92 MHz | |
| 902–928 MHz | 915 MHz | Regjun 2 biss |
| 2.400–2.500 GHz | 2.450 GHz | |
| 5.725–5.875 GHz | 5.800 GHz | |
| 24–24.25 GHz | 24.125 GHz | |
| 61–61.5 GHz | 61.25 GHz | Suġġetta għall-aċċettazzjoni lokali |
| 122–123 GHz | 122.5 GHz | Suġġetta għall-aċċettazzjoni lokali |
| 244–246 GHz | 245 GHz | Suġġetta għall-aċċettazzjoni lokali |

Qabel, il-frekwenzi **902-928 MHz, 2.4 GHz u 5.7-5.8 GHz** kienu jintużaw ukoll għal dawn l-għanijiet fl-Amerika. Mill-1985 fl-Amerika dawn infetħu wkoll għall-LAN's bla fili u komunikazzjonijiet mobbli.

Fl-1997 żdiedu frekwenzi oħra fil-frekwenzi **5 GHz** għal-użu mingħajr liċenzja fl-Amerika magħrufa bħala Unlicensed National Information Infrastructure (**U-NII**). Fl-Ewropa l-istess frekwenzi infetħu wkoll għall-użu tal-LAN's bla fili (**HIPERLAN**) insejħa "Broadband Radio Access Network"

Tajjeb li tkunu tafu wkoll li l-frekwenzi **868 – 870 MĦz** jintuzaw fl-Ewropa bħala frekwenzi **ISM**. Infakkarkom li l-arloġġi tad-dawl il-godda jużaw dawn il-frekwenzi biex jibgħatu l-konsum tal-klijenti. Darb'oħra nagħtikom xi nformazzjoni oħra.

**Lawrence**
**9Ħ1AV/9Ħ9MĦR/9Ħ79AV**

## Attivitajiet tal-MARL

# Laqgħa Ġenerali Straordinarja

**Minħabba li hemm numru ta' emendi proposti għall-istatut sejra ssir Laqgħa Ġenerali Straordinarju nhar il-Ħadd 20 ta' Marzu fl-10.00 ta' filgħodu fiċ-Ċentru tal-MARL.**

**L-Aġenda għal din il-Laqgħa hija**
**1. Qari u diskussjoni tal-Minuti**
**2. Qari u diskussjoni ta' l-emendi għall-Istatut**
**3. Emendi għall-Istatut**
**4. Affarijiet oħra.**

**Il-laqgħa tibda fl-1000 ta' filgħodu. Jekk ma jkunx hemm quorum il-laqgħa tibda fl-10.15 bil-membri preżenti.**

## Ħlas tas-Sħubija

**Min għadu ma ħallasx is-sħubija tiegħu għandu jagħmel dan jekk irid li jibqa' membru fil-MARL. Il-kaxxier dejjem lest biex jilqa' l-ħlas tas-sħubija tagħkom kull meta ċ-Ċentru tal-MARL ikun miftuħ jew jekk ma tistgħux tiġu tistgħu tħallsu b'ċekk pagabbli lill-MARL.**

**Infakkru li ċ-Ċentru tal-MARL ikun miftuħ kull nhar ta' Tlieta u l-Ħamis bejn is-6.00 p.m. u t-8.00 p.m. u l-Ħadd bejn l-10.00 u nofs in-Nhar.**

## Grupp tal-Jaħoo

**Oqgħodu attenti u idħlu fil-grupp tal-yahoo ħalli tkunu nfurmati sewwa bl-aħħar attivitajiet li nkunu se nagħmlu.**

**Tinsewx li se jkollna attivitajiet għat-tliet xhur li ġejjin u jista' jkun li ma jkunux jistgħu jidhru fuq dan il-fuljett minħabba li jkun diġa' ħareġ u għalhekk l-avviż isir fuq il-grupp permezz ta' l-internet.**

**Ibghatu ittra elettronika lil Ivan, 9Ħ1PI fuq ivan.privitera at gmail.com biex issiru membri tal-grupp**

**Infakkrukom ukoll li kull min irid jista' jniżżel dan il-Fuljett direttament minn fuq www.9h1mrl.org/newsletter.htm**

**Lawrence**
**9Ħ1AV/9Ħ9MĦR/9Ħ79AV**